**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** __________

## TAQSIMA A **(20 marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'talab Ġesù lil Alla fil-ġnien taż-żebbuġ?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. Semmi t-tliet tentazzjonijiet li kellu Ġesù fid-deżert.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. X'irid Alla fl-ewwel kmandament?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Xi tfisser il-kelma 'idolatrija'?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. X'inhi l-kuxjenza?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

6. Liema kmandament jitkellem dwar ir-rispett lejn il-ġenituri?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

7. Fisser il-kelma 'weġġaħ'?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

8. X'wiegħed Alla lil min jirrispetta 'l ommu u 'l missieru?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

9. X'nemmnu aħna l-insara li jiġri wara l-mewt?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10. Min kienu ż-żewġ persunaġġi li dehru ma’ Ġesù fuq il-muntanja Tabor?

## TAQSIMA B

**(15-il marka)**

**Aqra dawn is-siltiet mill-Bibbja u fissirhom.**

1. “Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib.”

2. “Jekk idek jew sieqek hija għalik okkażjoni ta’ dnub, aqtagħha barra u armiha ’l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b’id waħda jew b’sieq waħda fil-ħajja, milli tkun mixħut b’idejk it-tnejn jew b’saqajk it-tnejn fin-nar ta’ dejjem.”

3. “Araw b’liema għożża ħabbna l-Missier: nistgħu nissejħu wlied Alla u hekk aħna tassew.”

4. “Kull ma tagħmlu ma’ wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu tagħmluh miegħi.”

5. “Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri minn kemm tħobbu lil xulxin.”

## TAQSIMA Ċ

**(5 marki)**

**Qabbel dawn is-sentenzi meħuda mit-talba ta' San Franġisk. Imla l-vojt bin-numru korrett.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Fejn hemm il-ħtija | | ħallini ndaħħal il-fidi. |
| 2. | Fejn hemm id-dubju | | ħallini nqawwi t-tama. |
| 3. | Fejn hemm in-niket | | ħallini nħeġġeġ l-imħabba. |
| 4. | Fejn hemm il-qtigħ il-qalb | | ħallini nferrex il-maħfra. |
| 5. | Fejn hemm il-mibegħda | | ħallini nferrex il-ferħ. |

## TAQSIMA D

**(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

"Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret; u kien jobdihom…u hekk baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin."

*(Lq 2,51-52)*

1. Min hu li "niżel magħhom"?

______________________________________________

______________________________________________

2. Lil min kien jobdi?

______________________________________________

______________________________________________

3. Fejn seħħet din il-ġrajja?

______________________________________________

______________________________________________

4. Kemm kellu żmien Ġesù meta ġrat din il-ġrajja?

______________________________________________

______________________________________________

5. Skond din is-silta, kif għandha tkun l-imġiba ta' l-ulied lejn il-ġenituri tagħhom?
(Agħti 3 eżempji)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

6. Jista’ jkun hemm każi meta l-ulied ikunu obbligati li ma jobdux lill-ġenituri tagħhom? Jekk iva, meta? (Semmi 3 okkażjonijiet)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA E

**(20 marka x 2 = 40 marka)**

**Agħżel TNEJN mit-tliet mistoqsijiet 1, 2, 3 u weġibhom fit-tul fuq karta separata.**

1. **Fil-palazz David iltaqa’ ma’ Ġonatan u malajr saru ħbieb tal-qalb.**
   a. It-Testment il-Qadim ipoġġilna l-ħbiberija ta’ David u Ġonatan bħala ħbiberija eżemplari. F’madwar 100 kelma rrakkonta l-istorja tal-ħbiberija ta’ David u Ġonatan.
   b. Liema **tliet** kwalitajiet tammira l-iktar f’Ġonatan?
   ċ. Kif tista’ inti tapplika dawn it-**tliet** kwalitajiet mal-ħbieb tiegħek?

2. **“Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin.”**
   a. Irrakkonta ġrajja fejn Ġesù għen u fejjaq lil xi marid.
   Irrakkonta ġrajja fejn Ġesù laqa’ u għen lil xi marid.
   Irrakkonta ġrajja fejn Ġesù ħabb u ħafer sa l-aħħar.
   b. X’inhuma d-dmirijiet tiegħek bħala nisrani lejn:
      i. il-morda.
      ii. dawk li għamlulek xi azzjoni ħażina.

3. **“La ssemmix l-isem t’Alla fil-batal.”**
   a. Meta u kif għandna nsemmu biss l-isem t’Alla?
   b. X’inhu d-dagħa? Kif nistgħu nikkumbattuh?
   ċ. X’inhu l-ġurament?
   d. Meta u kif għandu jittieħed ġurament?